# MALTA

**ATT Nru. VI ta' l-2004**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jemenda l-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.**

**ACT No. VI of 2004**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**An Act to amend the Civil Code, Cap. 16.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

EDWARD FENECH ADAMI
President

20 ta' Lulju, 2004

**ATT Nru. VI ta' l-2004**

*ATT biex jemenda l-Kodiċi Ċivili, Kap. 16*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu Att ta' l-2004 li jemenda l-Kodiċi Ċivili. Dan l-Att għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi Ċivili, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Kodiċi", u għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi.

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

Kap. 16.

**2.** Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 1045 tal-Kodiċi għandu jidħol dan li ġej:

Emenda ta' l-artikolu 1045 tal-Kodiċi.

"(2) Is-somma li għandha tingħata dwar inkapaċità għal dejjem għandha fil-każ ta' inkapaċità għal dejjem totali tiġi stabbilita skond regolamenti li jsiru skond l-artikolu 1046A ta' dan il-Kodiċi.

(3) Meta l-inkapaċità għal dejjem ma tkunx waħda totali, is-somma li għandha tingħata għandha tkun dik il-perċentwali mis-somma li tirriżulta skond is-subartikolu (2) bħalma jkun jikkorrispondi għall-inkapaċità involuta skond regolamenti li jsiru skond l-artikolu 1046A ta' dan il-Kodiċi.

(4) Is-somma totali li għandha titħallas lil persuna għar-rigward ta' diżabilità għal dejjem totali ma għandhiex tkun iżjed minn mitejn u ħamsin elf lira jew dik is-somma ogħla li l-Ministru

responsabbli għall-ġustizzja bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' b'avviż minn żmien għal żmien jistabbilixxi.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 1046 tal-Kodiċi.

**3.** Minflok l-artikolu 1046 tal-Kodiċi, għandhom jidħlu dawn l-artikoli 1046 and 1046A ġodda li ġejjin:-

"Danni meta tirriżulta l-mewt.

1046. (1) Meta minħabba fl-att li jikkaġuna d-danni tirriżulta l-mewt, il-qorti tista', b'żieda mat-telf u spejjeż attwali ikkaġunati lill-mejjet li jistgħu jitħallsu lill-werrieta tal-mejjet, tagħti lid-dipendenti tal-mejjet u lill-eqreb qraba tiegħu danni li jiġu stabbiliti skond ma hemm ipprovdut f'dawn is-subartikoli ta' dan l-artikolu li ġejjin, u l-werrieta tal-mejjet ma għandu jkollhom ebda pretensjoni għal danni bbazati fuq it-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem dovut lill-mejjet.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu persuna dipendenti tkun il-konjuġi, dixxendent jew axxendent tal-mejjet u l-aħwa subien u bniet tal-mejjet li fil-waqt tal-mewt tal-persuna mejta kienu qegħdin jiġu mantnuti mill-persuna li tkun ġiet kaġunata l-mewt tagħha. Is-somma totali li għandha tingħata lid-dipendenti kollha taħt dan is-subartikolu ma għandhiex tkun iżjed mis-somma li kieku kienet titħallas lill-mejjet li kieku ma mietx imma jkun baqa' ħaj b'diżabilità għal dejjem totali wara li jitnaqqsu tletin fil-mija b'korrispettiv għal dak li l-mejjet kien ikun jeħtieġ għall-għajxien tiegħu. Meta tkun qed tistabbilixxi dik is-somma, il-qorti għandha tqis l-ammont ta' manteniment li l-persuna mejta kien ikollha tħallas li kieku baqgħet ħajja kif ukoll iż-żmien li warajh il-persuna dipendenti kienet tkun kapaċi tmantni lilha nnifisha u ma tibqax dipendenti fuq manteniment ġej mill-mejjet. Meta fil-waqt tal-mewt persuna msemmija f'dan is-subartikolu ma tkunx qed tirċievi manteniment imma jkun wisq probabbli illi li kieku l-mejjet kien baqa' ħaj dik il-persuna kienet fil-futur teħtieġ manteniment mingħand il-mejjet, il-qorti għandha tagħti d-danni skond dan.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu qarib mill-eqreb tal-mejjet huwa konjuġi, dixxendent, axxendent, jew ħu jew oħt tal-mejjet li jkun qiegħed jgħix fl-istess dar mal-mejjet. L-ammont totali ta' danni li jista' jingħata taħt dan is-subartikolu ikun ta' għoxrin elf lira jew dik is-somma ogħla li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' b'avviż minn żmien għal żmien jistabbilixxi. Meta iktar minn persuna waħda jagħmlu talba jew ikunu jistgħu jagħmlu talba taħt dan is-subartikolu, il-qorti għandha tistabbilixxi l-ammont li għandu jitħallas lil kull tali persuna abbażi ta' l-uġigħ u t-tbatija

kaġunati lill-persuna li jkollha pretensjoni u tal-qrubija relattiva ta' dik il-persuna mal-mejjet u tista' tagħti dawk id-danni lil xi waħda jew aktar minn dawk il-persuni b'esklużjoni ta' l-oħrajn kollha.

Setgħa ta' għemil ta' regolamenti.

1046A. Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jagħmel regolamenti għall-fini ta' l-artikolu 1045 u 1046 u jista' b'dawk ir-regolamenti jistabbilixxi regoli li għandhom jitqiesu mill-qrati biex jiġu stabbiliti d-danni dovuti għal telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem fil-każ ta' inkapaċità jew mewt, u jista' b'mod partikolari b'dawk ir-regoli:

(a) jistabbilixxi l-qligħ jew il-qligħ potenzjali li għandhom jittieħdu bħala bażi kif jiġu kkalkulati dawk id-danni;

(b) jistabbilixxi l-formoli li għandhom jintużaw meta jkun qed isir il-kalkolu ta' dawk id-danni;

(ċ) jistabbilixxi l-fatturi li jitqiesu jew li jistgħu jitqiesu mill-qorti meta tiġi biex tikkalkola dawk id-danni, wara li jiġu kkunsidrati l-istorja ta' l-impjieg jew il-prospetti li l-vittma jkollha qabel l-aċċident kif ukoll l-istat ta' saħħtu f'dak il-waqt, il-potenzjal li jkollu għal tħarriġ mill-ġdid u r-rijabilitazzjoni tiegħu u fatturi oħra simili u l-piż li għandu jingħata lil kull wieħed minn dawn;

(d) jistabbilixxi skala perċentwali ta' inkapaċità parzjali għar-rigward ta' ferimenti partikolari mġarrba mill-vittma meta ma jkunx hemm inkapaċità totali;

(e) wara konsultazzjoni mal-Bord tar-Regoli mwaqqaf taħt l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jistabbilixxi regoli ta' proċedura li jiżguraw li meta ssir pretensjoni minn persuna taħt is-subartikolu (2) jew (3) ta' l-artikolu 1046, jista' jingħata avviż lil persuni oħra li jkollhom pretensjoni simili li toriġina mill-istess att u biex tingħata opportunità lil dawk il-persuni li jingħaqdu ma' l-attur fil-każ.".

**4.** Fil-paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 2125 tal-Kodiċi, il-punt (".") fit-tmiem ta' l-istess paragrafu għandu jiġi sostitwit b'punt u virgola (";") u immedjatament wara l-paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 2125 tal-Kodiċi Ċivili għandu jidħol paragrafu ġdid kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 2125 tal-Kodiċi.

"(d) kwantu għal azzjoni għad-danni, matul dak iż-żmien qabel ma ssir il-kawża li fih ikunu qegħdin isiru negozjati bejn il-partijiet kollha jew xi wħud minnhom jew l-assiguraturi tagħhom li jkollhom interess fl-azzjoni kontra xulxin.".

Emenda ta' l-artikolu 2153 tal-Kodiċi.

**5.** Fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi, il-kelma "sentejn" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "tliet snin".

Emenda ta' l-artikolu 2154 tal-Kodiċi.

**6.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2154 tal-Kodiċi, il-kliem "għall-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għall-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali sakemm dawn ma jkunux wasslu għal preskrizzjoni aqsar minn dik applikabbli skond l-artikolu 2153, f'liema każ għandha tapplika dik il-preskrizzjoni".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 151 ta' l-14 ta' Lulju, 2004.

ANTON TABONE
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*